MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 468/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramenat prezentat mill-attur A B fit-23 ta' Novembru 2007 fejn ippremetta:

Illi l-partijiet kontendenti żżewġu fl-________________ *(omissis)*, minn liema żwieġ twieled tifel li jismu D B u bħalissa għandu tliet (3) snin magħluqa;

Illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti m'għadhiex aktar possibbli minħabba ħtijiet imputabbli lill-konvenuta ntimata, u senjatament minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija, u nġurji gravi da parti tal-intimata fil-konfront tal-esponenti, u *in subsidium* għax iż-żwieġ tkisser irrevokabbilment;

Illi r-rikorrent ottjena d-debita awtorizżazzjoni mill-Qorti kompetenti sabiex ikun jista' jipproċedi b'dina l-istanza;

Illi t-tentattivi sabiex jintlaħaq ftehim bonarju ma' sewa għal xejn u għalhekk kellhom jiġu ntavolati l-proċeduri odjerni;

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunċja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minħabba raġunijiet imputabbli lill-intimata konvenuta, u tawtorizża lir-rikorrenti jgħix separatament minn mal-intimata;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D B f'idejn ir-rikorrenti u jekk dan ma jkunx il-każ li fin-nuqqas il-kura u kustodja tal-minuri msemmi tkun waħda konġunta. Il-minuri għandu fit-tieni eventwalita' iqatta' ħin konsiderevoli mar-rikorrenti;

3. Fl-eventwalita' li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata lir-rikorrenti, l-intimata għandha tikkontribwixxi billi tiġi kkundannata tħallas retta alimentari għall-imsemmi minuri;

4. Tapplika kontra l-intimata interament, jew in parti, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti minn l-istess komunjoni jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet kif jiġi stabbilit u ordnat minn dina l-Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attur u l-oħra lill-konvenuta, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att ta' diviżjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-intimata tikkonsenja lir-rikorrenti l-beni dotali u parafernali kollha tiegħu u tordna li l-esponenti jingħata pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu;

8. Tawtorizża lill-esponenti jirreġistra ossia jniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta C B fid-29 ta' Frar 2008 li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Illi l-eċċipjenti taqbel ma' l-ewwel talba attriċi limitatament għad-dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan għal raġunijiet imputtabbli unikament lill-attur, illi rrenda ruħu ħati versu l-eċċipjenti ta' adulterju, illi wassal għat-tifrik irrevokabbli taż-żwieġ tal-kontendenti u rrenda l-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli, kif ukoll minħabba nkompatibilita' serja ta' karattri;

2. Illi filwaqt illi tiddikjara illi hija qatt ma kellha oġġezzjoni għad-dritt tal-aċċess tal-attur għall-iben minuri tal-kontendenti D, liema aċċess għandu jkun liberu bi qbil bejn il-partijiet, l-eċċipjenti taqbel mat-tieni talba attriċi, limitatament għall-affidazzjoni tal-kura u kustodja tal-imsemmi minuri, konġuntivament bejn il-kontendenti;

3. Illi in vista tat-tieni eċċezzjoni, it-tielet talba attriċi għandha tiġi respinta *stante* illi huwa l-attur stess illi għandu jħallas manteniment għall-eċċipjenti u għall-minuri, kif ser jiġi mitlub fil-kontro-talba relattiva;

4. Illi r-raba' talba attiċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-attur, *stante* illi l-estremi tar-rekwiżiti legali għall-kommina tal-provvedimenti msemmija, ma jirrikorrux da parti tal-eċċipjenti, iżda biss da parti tal-attur, u kwindi l-istess provvedimenti għandhom jiġu kkomminati interament kontra l-attur, liema talba wkoll tifforma l-mertu tal-kontro-talba hawn hekk ippreżentata;

5. Illi l-ħames talba attriċi mhix opposta, iżda dina l-Onorabbli Qorti għandha tikkommina fil-konfront tal-attur is-sanzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u għandha għalhekk tiddikjara illi l-attur tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll dak kollu li huwa kien kiseb b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew wara ż-żwieġ, jew b'titolu ieħor gratuwitu, mingħand l-eċċipjenti, liema oġġetti għandhom għalhekk jiġu rritornati lilha, u tiddikjara *inoltre* illi l-istess attur tilef ukoll kull jedd għan-nofs tal-

akkwisti illi saru l-aktar bil-ħidma tal-eċċipjenti wara d-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bħala d-data meta l-attur irrenda ruħu ħati tal-firda, liema akkwisti għandhom jibqgħu kollha għall-eċċipjenti, u għal dan l-iskop għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-Artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili, u fl-aħħarnett l-attur għandu jiddekadi mid-dritt illi jitlob manteniment mill-konvenuta – kollox kif mitlub fil-kontro-talba ppreżentata preżenzjalment;

6. Illi s-sitt talba attriċi mhix opposta;

7. Illi s-seba' talba attriċi ma tistax tintlaqa' *stante* illi m'hemm l-ebda oġġetti dotali u parafernali tal-attur illi jinsabu fil-pussess u / jew fl-amministrazzjoni tal-eċċipjenti;

8. Illi t-tmien talba attriċi mhix opposta;

9. Illi f'dak illi jirrigwarda l-ispejjeż, ġaladarba l-eċċipjenti ma taħtix għall-firda bejn il-kontendenti, liema firda ġiet ikkaġunata unikament bi ħtijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-istess attur kif diġa' ngħad, l-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jiġu sopportati unikament mill-istess attur.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li permezz tagħha ppremettiet:

Illi l-kontendenti kkuntrattaw żwieġ bejniethom nhar _______________ *(omissis)*, skont kif jidher miċ-Ċertifikat taż-

Żwieġ tagħhom, illi kopja oriġinali tiegħu qed tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok 'RG1', u minn dan iż-żwieġ twieled l-iben uniku tal-kontendenti, D nhar _______________ *(omissis)*, illi għalhekk għadu minorenni;

Illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet rikonoxxuti mil-liġi, fosthom adulterju kommess mill-attur rikonvenut, kif ukoll minħabba inkompatibilita' serja ta' karattri;

Illi l-konvenuta rikonvenjenti kienet awtoriżżata sabiex tipproċedi b'din l-istanza permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 20 ta' Novembru 2007, illi kopja tiegħu diġa tinsab fil-proċess relattiv;

Illi l-attur rikonvenut kien ilu jintrattjeni relazzjonijiet intimi ma' nisa oħrajn għal tal-anqas sena u nofs qabel ma nbdew il-preżenti proċeduri, u sal-lum għadu f'relazzjoni fissa ma' mara oħra, u dan kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi sal-bidu tas-sena kurrenti, il-kontendenti kienu għadhom jirrisjedu flimkien mal-ġenituri tal-attur rikonvenut, iżda sussegwentement għad-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' Jannar 2008, illi permezz tiegħu l-attur ikonvenut ġie ordnat illi jħallas manteniment għall-konvenuta rikonvenjenti u għall-iben minuri tal-partijiet, il-konvenuta rikonvenjenti b'binha ta' tliet (3) snin sfat imkeċċija mill-imsemmija dar u kellha tmur toqgħod flimkien ma' binha fid-dar illi l-partijiet għandhom ġewwa _____________________ *(omissis)*, liema dar kienet intenzjonata illi tibda tintuża bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

Illi l-konvenuta rikonvenjenti hija *unskilled worker* u preżentament ma taqlax aktar mill-paga minima nazzjonali, filwaqt illi l-attur rikonvenut għandu introjtu tajjeb, u dan kif jirriżulta mill-Formola ta' Aġġustament tat-Taxxa relattiva għad-dħul dikjarat mill-istess attur rikonvenut fis-sena 2005, illi hija l-aktar formola riċenti illi l-konvenuta rikonvenjenti għandha fil-pussess tagħha, u illi kopja tagħha diġa' ġiet eżebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri u mmarkata bħala Dok 'JE1';

Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-konvenuta rikonvenjenti.

Illi preżenti proċeduri qiegħdin isiru sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Liġi, u senjatament sabiex jiġi akkordat manteniment għall-konvenuta rikonvenjenti u binha minu u wkoll sabiex jigi kkomminat fil-konfront tal-attur rikonfenut id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* u l-Artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant il-konvenuta rikonvenjenti, in vista' ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-konvenut jgħid għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-liġi w imputabbli lill-attur rikonvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri konġuntivament f'idejn il-partijiet, b'dan illi l-istess minuri jgħix prinċipalment mal-

konvenuta rikonvenjenti, u b'aċċess liberu favur l-attur rikonvenut, bi qbil bejn il-partijiet;

3. Tordna lill-attur rikonvenut sabiex iħallas manteniment għaliha u għall-binha minuri D, liema manteniment għandu jiżdied skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja minn sena għal sena, u *inoltre* għandu jiġi mnaqqas mis-salarju tal-attur rikonvenut mill-*employer* tiegħu u jiġi mħallas direttament lill-konvenuta rikonvenjenti;

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attur rikonvenut iddekada minn sehmu fil-komunjoni tal-akkwisti, u konsegwentement tapplika l-effetti tal-artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili kontra l-istess attur rikonvenut u favur il-konvenuta rikonvejenti, u konsegwentement tiddikjara illi l-attur rikonvenut tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-artikolu 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni, bi ħsieb taż-żwieġ, jew wara ż-żwieġ, jew b'titolu ieħor gratuwitu, mingħand il-konvenuta rikonvenjenti, illi għalhekk għandu jiġi ritornat lilha, u tiddikjara *inoltre* illi l-attur rikonvenut tilef ukoll kull jedd għan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-ħidma tal-konvenut rikonvenjenti wara d-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bħala d-data meta l-attur rikonvenut irrenda ruħu ħati tal-firda, liema akkwisti għandhom jibqgħu kollha għall-konvenuta rikonvenjenti, u għal dan l-iskop għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili. *Inoltre*, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-attur rikonvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-konvenuta rikonvenjenti;

6. Prevja kull dikjarazzjoni rikjesta skont il-liġi, tassenja l-*maisonnette* bl-isem _________ *(omissis)* illi tinsab ġewwa ______________________ *(omissis)*, oriġinarjament intenzjonata illi tintuża bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, lill-konvenuta rikonvenjenti, u tawtoriżżaha illi tgħix fl-istess ad esklużjoni tal-attur rikonvenut, bl-applikazzjoni tal-artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili;

7. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, f'żewġ ishma illi ma jkunux ugwali in segwitu għall-ħames (5) talba hawn kontenuta, u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti *ai termini* tal-istess;

8. Tassenja lill-konvenuta rikonvenjenti l-beni parafernali tagħha u / jew il-valur tal-istess u tordna lill-attur rikonvenut sabiex jirritorna lill-konvenuta rikonvenjenti l-beni kollha parafernali tagħha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-każ;

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi;

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-attur rikonvenut illi jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenjenti;

Rat ir-risposta tal-attur rikonvenzjonat preżentata fit-18 ta' Marzu 2008 fejn permezz tagħha eċċepixxa:

Illi l-esponenti jaqbel li tiġi pronunċjata s-separazzjoni personali minn ma' martu b'dana illi ż-żwieġ tfarrak minħabba raġunijiet imputabbli lill-mara tiegħu kif ser jirriżulta;

Illi kwantu, għal kwistjoni tal-kura u kustodja l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni li dina tkun konġunta, pero' l-verita' hija li t-tifel qed jitrabba mill-ġenituri tal-esponenti. Illi għalhekk dan il-fattur għandu jirrifletti fi ħlas ta' manteniment li jkopri l-perjodu ta' meta t-tifel ikun ma' ommu;

Illi l-esponenti ma għandux iħallas manteniment għal martu *stante* li din taħdem;

Illi l-provvediment tal-artikoli 48 *et seq* u l-artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili għandhom jiġu applikati kontra l-konvenuta *stante* li ż-żwieġ tkisser minħabba fiha;

Illi kull proprjeta' li ġiet akkwistata waqt iż-żwieġ inkluż il-fond ____________________ *(omissis)* għandhom jiġu mibjugħa u r-rikavat jiġi diviż f'ishma ndaqs bejn il-partijiet;

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda;

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom tal-istess partijiet;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Ottubru 2009 li permezz tagħhom ġie nominat l-Avukat Dottor Ilona Debono bħala Perit Legali biex tirrelata dwar it-talbiet attur u dawk tal-konvenuta;

Rat ukoll il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Avukat imsemmija;

Rat ukoll ir-rapport tal-imsemmi Perit legali debitament maħluf wara li l-partijiet ippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet;

Rat id-digrieti oħra tagħha fir-rigward tal-manteniment u vertenzi oħra;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-attur awtoriżżata debitament mill-Qorti – il-konvenuta ugwalment awtoriżżata naqset li tagħmel l-istess għalkemm preċedentment kienet għamlet domandi in eskussjoni lill-istess perit legali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Lulju 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġja ngħad l-attur qed jitlob is-separazzjoni mingħand il-konvenuta għas-soliti raġunijiet; il-konvenuta da parti tagħha taqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attur u min-naħa tagħha anke pproponiet kontro-talba fl-istess sens. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna, u peress li l-Qorti kellha diversi drabi tara rikorsi u risposti qabel ma ppronunzjat uħud mid-digrieti ġja’ msemmija, u setgħet tara u tevalwa l-mod li bih il-partjiet irrispondew lil xulxin fuq id-diversi allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta’ xulxin, se tittratta l-vertenzi f’paragrafi għalihom.

**TORT**

Illi kif ġja’ ngħad il-partijiet iwaħħlu f’xulxin għat-tifrik taż-żwieġ. Biex il-Qorti tagħti idea ta’ x’wassal għat-tifrik taż-żwieġ se

tirriproduċi l-affidavits tal-partijiet preżentati fi stadju bikri tal-kawża.

Illi l-attur ippreżenta l-affidavit tiegħu fis-seduta miżmuma mill-Perit Legali fis-7 t'Ottubru 2009 fejn kif riportat fir-rapport tal-Perit Legali ngħad illi:

*"L-attur jgħid li fil-bidu taż-żwieġ ma kienx hemm problemi bejn il-partijiet imma kien hemm ħafna problemi bejn l-attur innifsu u missier il-konvenuta, tant li l-partijiet u missier il-konvenuta spiċċaw b'kawżi l-Qorti. Il-konvenuta żammet ma' żewġha. Il-partijiet kienu fil-bidu taż-żwieġ joqgħodu ġewwa ___________ (omissis) ġewwa art proprjeta' tal-mara iżda fi kliem l-attur: "L-art kienet mogħtija lil mara tiegħi qabel iż-żwieġ minn ommha iżda ġiet mibnija minni u minn marti flimkien". Minħabba l-problemi li kellhom ma' missier il-konvenuta l-partijiet telqu minn _______________ (omissis) u marru joqgħodu għal seba' snin mal-ġenituri tal-attur. Dan kellu skont l-attur impatt negattiv fuq iż-żwieġ tal-partijiet;*

*Skont l-attur martu kienet sabet messaġġ fuq il-mobile li kien jaqra "jien dħalt". Dan kien messaġġ ta' waħda mara li sar jaf fuq il-computer u li l-messaġġ kien jirreferi li din il-mara kienet fuq MSN. L-attur jiċħad u jgħid "assolutament qatt ma kelli xi forma ta' relazzjoni magħha jew ħriġt magħha etc etc... Dak il-ħin id-dar qam pandemonju, bdiet tgħajjat u tgħajjarni u minn dak il-jum 'il quddiem bdew il-problemi". L-attur jgħid li wara dakinhar il-konvenuta bdiet toħroġ waħedha Paceville ta' sikwit u li anke hu kemm-il darba beda jmur Paceville. Jiċħad li huwa kellu relazzjoni waqt li kien qed jiġri dan kollu;*

*L-attur jgħid ukoll li kemm-il darba fuq il-mobile tal-konvenuta kienu dew iċemplu ġuvintur għaliha u r-relazzjoni kompliet tmur għall-agħar.*

*Dwar il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri l-attur jgħid li l-partijiet kienu qablu permezz ta' verbal li din tkun konġunta. Dwar l-aċċess jgħid li peress li huwa m'għandux ħinijiet fissi ta' xogħol għandhom jibqgħu jiftehmu bejniethom dwar il-ħinijiet;*

*Rigward il-manteniment, l-attur isostni li ġjaladarba l-mara taħdem huwa m'għandux għalfejn iħallasha manteniment. Rigward il-manteniment għal minuri huwa jgħid li l-manteniment ta' mija disgħa u tmenin Ewro (€189) fix-xahar m'għandux jiżdied u dana peress li l-minuri jqatta' l-maġġorparti tal-ħin għand il-ġenituri tiegħu. Huwa jgħid "ommi u missieri qatt ma talbuna flus għaliex irabbu lit-tifel iżda jiena noħroġ 'paga' lil ommi sabiex nikkontribwixxi għall-ispejjeż li hija tonfoq meta żżomm liż-żgħir.*

*Rigward il-komunjoni tal-akkwisti l-attur jaqbel mal-konvenuta dwar xhiex din tikkonsisti u ċjoe':*

- *Maisonette li jinstab ġewwa ___________________ (omissis) bil-garage miegħu li jikkalkula li jiswa €209,000;*

- *Post ieħor f'__________ (omissis) li huwa Flat bl-isem ______________________________ (omissis). Dan l-appartament jiswa €128,000 u jinsab mikri għal prezz ta' €350 fix-xahar;*

- *Vettura tal-marka Skoda Fabia b'numru ta' reġistrazzjoni ____-____ (omissis) li jsuq l-attur u li għandha valur tat-triq ta' €9300;*

- *Loan mal-Bank of Valletta li għandu żbilanċ ta' €14,000. Dan il-loan qed jitħallas mill-kirja tal-appartament ta' __________ (omissis);*

- *Life insurance mal-Middlesea. Din l-insurance titħallas regolarment permezz ta' pagamenti ta' €42 kull parti fix-xahar. Din l-insurance ilha titħallas minn 1999 u timmatura wara 20 sena. Skont l-attur mal-maturar il-polza tinqasam bejn iż-żewġ partijiet;*

- *Għamara li solitament ikun hemm bi djar normali;*

*Fuq id-dar ta' ________________ (omissis) l-attur jgħid: "Irrid ngħid li l-post li kellna _____________ (omissis) kienet ingħatat l-art lil marti qabel iż-żwieġ minn ommha. L-ispejjeż kollha biex inbniet id-dar kienu saru min-naħa tagħna pero' ngħid li aktar kont ħriġt flus jiena milli l-mara. Inoltre, ix-xogħlijiet saru wkoll in parte min-naħa tiegħi u ta' missieri. Illi dina d-dar kif għidt kienet ġiet mibjugħa u mill-flus li ġbarna mill-bejgħ ħallasna l-loan u xtrajna proprjeta' oħra". L-attur jgħid li "skont il-kalkoli tiegħi jiena l-aktar likwidazzjoni li nara korretta hija dik l-post f'________________ (omissis) jiġi assenjat lil marti, il-flat __________ (omissis) jiġi assenjat lili, jiena nħallas is-somma ta' Lm10,000 lil marti u nkompli nħallas waħdi ad esklużjoni ta' marti l-loan ta' Lm12,000 li hemm pendenti mal-Bank of Valletta plc."*

*L-attur A B in subizzjoni u bil-ġurament xehed ukoll fis-seduta quddiem il-perit legali tas-7 t'Otturbu 2010 u f'din is-seduta xehed li ma jiftakarx dettalji dwar id-digriet tad-9 ta' Jannar 2008 dwar il-manteniment tal-minuri u tal-konvenuta. Jgħid li l-karti tad-digrieti jinqatgħu direttament mill-paga u jħallas ċirka €187 kull erba' ġimgħat. Il-manteniment huwa biss għat-tifel.*

*B'referenza għall-bejgħ tal-proprjeta' li kellhom ___________ (omissis) u dawk li xtraw __________ (omissis) u __________ (omissis) jgħid li l-prezz tal-proprjetajiet huwa dak li huwa mniżżel fuq il-kuntratt;*

*Dwar il-prezz tal-proprjeta' li bih xtraw il-proprjeta' ta' __________ (omissis) jiftakar li kienu għamlu bridge loan qabel ma nbiegħ il-proprjeta' ta' ġewwa __________ (omissis). Id-deposit tal-konvenju kienu ħarġuh mill-bank u l-konvenut jirrileva li għal sentejn u fuqhom kienet tinqata' s-somma ta' Lm270 mill-paga tiegħu. Kif inbiegħ il-post ta' ___________ (omissis) tħallas il-kumplament tal-post. F'dawk is-sentejn ta' qabel ma nbiegħ il-post ta' ____________ (omissis) l-attur ħareġ minn tiegħu nkluż xogħlijiet strutturali li kien fadal biex jingħalaq il-post fosthom taraġ, madum, tikħil minn ġewwa u minn barra, tibjid, twaħħil tal-aluminium. Jikkonferma li dak iż-żmien kienu diġa' miżżewġa. Kienu jgħixu għand ommu u ma kienu jħallsu xejn inkluż dawl, ilma, ikel u lanqas kera;*

*Mistoqsi kif kienet tħallset il-proprjeta' ta' __________ (omissis) jirrispondi mill-flus li kellhom il-bank u fosthom loan ta' Lm12,000 hekk kif jirriżulta mill-istatements tal-bank. Mit-Lm12,000 loan tħallsu xi affarijiet bħal appliances, kċina, u affarijiet tal-post u l-bqija loan;*

*Rigward il-proprjeta' ta' ___________ (omissis) jirriżulta li l-art kienet ta' omm il-konvenuta. Dan jirriżulta mill-kuntratt;*

*Rigward relazzjonijiet ma' terzi persuni jgħid li ma kellux relazzjonijiet ma' terzi tul is-snin."*

Illi l-konvenuta C B ppreżentat affidavit fit-12 ta' Mejju 2008. In sintesi skond il-Perit Legali l-konvenuta tixhed is-segwenti:

*"Il-partijiet iltaqgħu fis-sena 1993. Kien hemm problemi anke fl-għerusija għaliex l-attur kien għid li jiddejjaq jinżel mill-_______ (omissis) għal ________ (omissis) u kien jgħid li l-kultura ta' isfel hija differenti u kien jevita li jmur għand il-ġenituri tagħha;*

*Il-konvenuta tgħid li fis-sena 1994, il-ġenituri tal-attriċi tawha biċċa art ġewwa __________ (omissis), illi kienet tinsab viċin id-dar fejn kienu jgħixu huma. Peress li l-partijiet diġa' kellhom il-ħsieb li jiżżewġu ddeċidew li jibnu d-dar fuq din l-art biex jmorru jgħixu fiha wara ż-żwieġ;*

*Il-konvenuta tgħid li dak iż-żmien A kien ikollu ħafna argumenti ma' missierha li huwa kuntrattur, u "u kien propju huwa illi bena d-dar tagħna, u kien jindaħal ħafna fejn kien jidħol il-beni u l-istruttura tad-dar". L-attur beda jqatta' ħafna ħin għand il-ġenituri tiegħu. Kien hemm argumenti bejn missier il-konvenuta u l-attur, l-affarijiet aggravaw u spiċċaw telqu minn ____________ (omissis) wara sitt xhur, u l-partijiet marru jgħixu mal-ġenituri tal-attur ġewwa l-__________ (omissis). Minkejja li qatgħu għal kollox il-kuntatt mal-ġenituri tal-konvenuta, xorta l-partijiet baqgħu bil-problemi magħhom;*

*Il-konvenuta tilmenta li "A kien ta' spiss igerger illi jiena kelli livelli ta' edukazzjoni nferjuri, u kien igerger ukoll fuq il-mod kif jiena kont naħsillu ħwejġu. Fuq kollox kien ikollna l-problemi kbar minħabba illi jiena u A kellna karattri totalment differenti";*

*Il-konvenuta tixhed li fit-23 ta' Marzu 2001, xtraw maisonette bil-garaxx ġewwa ________________________ (omissis), bl-intenzjoni illi eventwalment immorru jgħixu fih. "Aħna xtrajna din id-dar f'shell form ... kien għalhekk illi aħna konna bqajna noqgħodu mal-ġenituri ta' A sakemm inlestu d-dar – u bqajna noqgħodu mal-ġenituri ta' A sakemm inlestu d-dar – u bqajna noqgħodu hemm sakemm isseparajna"*

*Fid-19 t'Awissu 2004 twieled it-tifel D li huwa l-uniku wild tal-partijiet.*

*Il-konvenuta tispjega li, "L-inkwiet beda lejn l-aħħar tas-sena 2006 meta A beda regolarment joħroġ fil-għaxija flimkien ma' sħabu. Jiena bdejt ninduna illi A kien beda jinbidel fis-sens illi huwa beda jitlef l-interess fija. Bdejt nissuspetta illi żewġi seta' kellu wiċċ ħaddieħor. Meta kont affrontajtu l-ewwel darba f'Diċembru tas-sena 2006, A kien ċaħad kollox. F'Jannar tas-sena 2007, imbagħad jien kont sibt messaġġ fuq il-mobile ta' żewġi, minn ċerta E. Meta affrontajtu lil A għall-ewwel huwa ċaħad illi huwa kellu xi tip ta' relazzjoni ma' din E. Pero' ftit tal-ġimgħat wara, żewġi kien ammetta ma' zitu F G illi fil-fatt huwa kellu relazzjoni ma' din E.*

*Kien A stess illi kien qalli b'din il-konverżazzjoni illu huwa kien kellu ma' zitu F – forsi għax beża' illi din setgħet ittarrafli xi ħaġa. Dakinhar żewġi kien qalli illi din E ma kinitx l-unika tfajla illi huwa kien qalibhieli magħha. Huwa qalli illi fil-fatt kien diġa' kellu lil ħaddieħor f'Jannar tas-sena 2006, u illi kien dam madwar sitt (6) xhur joħroġ ma' din l-ewwel tfajla li qalibhieli magħha ... Meta ammetta miegħi f'Jannar tas-sena 2007, A kien qalli illi kien ilu tliet (3) ġimgħat joħroġ ma' din E. Kien qalli wkoll illi kien ikollu x'jaqsam sesswalment ma' din E. Dak iż-żmien, żewġi kien qalli illi kien konfuż u illi ma kienx jaf x'ser jaqbad jagħmel;*

*Il-konvenuta fl-affidavit tagħha tgħid li hija taqbel li l-kura u kustodja tkun konġunta b'aċċess liberu. Hija tgħid: "Jiena naħdem bħala care worker ġewwa l-isptar Mater Dei .... naħdem b'xift ta' Day-Day-Night-Rest-Off. Dan ifisser illi ġurnata minnhom jien naħdem mis-7:00am sas-7:00pm, il-ġurnata ta' wara mis-7:00am sas-6:00pm; il-ġurnata ta' wara mis-7:00pm sas-7:00am; imbagħad ikolli ġurnata rest u ġurnata off". "A huwa pulizija u jaħdem fuq rutina ta' Day-Night-Rest-Day, jiġifieri ġurnata mis-7:00am sas-7:00pm; ġurnata mis-7:00pm sas- 7:00am; imbagħd ikollu ġurnata rest u jerġa bid-day".*

*Rigward l-assi l-konvenuta tgħid li d-dar ġewwa ____________________ (omissis) ġiet mogħtija lilha b'donazzjoni permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Settembru 1994 fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro. Il-konvenuta tgħid li missierha bena d-dar u ma żamm xejn tax-xogħlijiet li għamel. Filwaqt li hi u l-attur ħallsu biss għall-ispejjeż tal-materjal. Id-dar inbiegħet fl-24 ta' Frar 2005 għall-prezz ta' €202,655.49 (Lm87,000), kuntratt Dok 'AF2';*

*Hija għandha art parafernali tagħha li tikkonsisti f'biċċa art illi tifforma parti mir-raba' illi hemm mar-razzett ġewwa _____________ (omissis) li hija wirt b'legat mingħand in-nanna;*

*Il-konvenuta tgħid li l-assi parafernali tal-attur jikkonsistu f'€11,646.87 (Lm5000) somma mogħtija lill-attur mill-ġenituri tiegħu;*

*Rigward il-komunjoni tal-akkwisti din tikkonsisti fis-segwenti:*

- *il-maisonette ________________________ (omissis) flimkien mal-garaxx sottostanti. Id-dar inxtrat fit-23 ta' Marzu 2001 għal prezz ta' Lm45,000 – il-prezz tħallas permezz ta' bridge loan (Dok 'AF4'). Dan il-loan tħallas mir-rikavat mill-bejgħ tad-dar parafernali tal-mara ta' ___________ (omissis). Il-bqija tar-rikavat mill-bejgħ tad-dar ta' ____________ (omissis) intuża biex inxtara l-appartament ___________________________ (omissis). Fl-4 ta' Lulju 2007 l-konvenuta ngħatat is-sensja mill-VF (Malta) Ltd, u ċjoe' xhur wara li l-partijiet bdew jitkellmu bl-avukati biex jinfirdu. Is-somma ta' Lm4330.98 (€10,088.47) intużat sabiex minnha jitħallsu x-xogħlijiet fil-maisonette. Fi Frar 2007, il-Perit Joseph Falzon kien stima l-post illi jiswa' madwar Lm78,000. Dan qabel ix-xogħlijiet li għamlet (Dok 'AF5');*

- *L-appartament _____________________________ (omissis). Dan l-appartament inxtara permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Mejju 2005 mill-partijiet fl-atti tan-Nutar Dr Josette Cauchi (Dok 'AF6') versu l-prezz ta' Lm30,000. Skont il-konvenuta dan l-appartament tħallas mill-parti tar-rikavat mill-bejgħ ta' ___________ (omissis) (parafernali tal-mara). Il-partijiet dejjem skont il-konvenuta kienu ħadu loan ta' €27,952.45 (Lm12,000) mill-Bank of Valletta plc li ntuża in kwantu għal €13976.24 (Lm6000) sabiex inxtrat il-vettura Skoda Fabia b'numru ta' Reġistrazzjoni ___-___ (omissis) li skont l-attriċi hija wżata minn A B u in kwantu għal €13,976.24 (Lm6000) għall-finishing tal-appartament u spejjeż oħra relatati mal-kuntratt. Il-partijiet kienu ftehmu li jikru dan l-appartament veru l-kera ta' €350 fix-xahar u mill-kirja titħallas il-loan u l-premia tal-life policy. Il-konvenuta tgħid ukoll li kwalunkwe bilanċ li kien jibqa' wara li jitħallsu l-ispejjeż kienu jinżammu minn A B u ċjoe' l-attur. Dan il-post kien ġie stmat mill-perit ex-parte tal-konvenuta Perit Joseph Falzon €135,103.66 skont Dok 'AF7' esebit mal-affidavit tal-konvenuta;*

- *Il-konvenuta tispjega li l-partijiet ħadu life insurance policy li jħallsu għal €39.60 kull xahar. Fil-5 ta' Marzu 1999 il-partijiet kienu ħarġu policy mal-Middlesea Valletta Life*

*Assurance Company numru 007*00190 endowment assurance Dok AF8. Fl-affidavit tagħha l-konvenuta tesprimi x-xewqa li: "Għalhekk jiena naħseb li jkun aħjar illi jiena u A nibqgħu neffettwaw il-pagamenti relattivi sa ma din tagħlaq, f'ishma ndaqs bejnietna b'dan illi jekk xi ħadd minna jonqos illi jeffettwa tali pagamenti, il-parti l-oħra tkun tista' tibqa' tħallas għaż-żewġ ishma, b'dan li meta l-polza tiġi xolta, dik il-parti li tkun ħallset aktar, tieħu sehem akbar in proporzjon mal-ammonti żejda illi dina tkun ħallset".*

- *Kontijiet bankarji*

- *Fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2012 quddiem il-perit legali xehdet C B in subizzjoni. F'din ix-xhieda hija konfermat li taħdem bħala care-worker fl-isptar Mater Dei. Naħdem 'full time'. Naħdem 4 darbiet fil-ġimgħa, kull darba 12-il siegħa allavolja kien hemm xi okkażjonijiet fejn ħdimt sas-2:00pm. Li l-paga tagħha hija ta' Lm1.60 fis-siegħa u jiddependi mis-siegħat li taħdem. Tal-break ma titħallasx. Hija tixhed li taqla' bejn Lm 260 / Lm 280 fix-xahar netti."*

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba l-atteġġjament taż-żewġ partijiet fil-konfront ta' xulxin, u kwindi taqbel mal-Perit Legali li t-tnejn kienu allura kienu ħatja ta' nġurji gravi fil-konfront ta' xulxin. Jidher ukoll li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tixxaqqaq anke minħabba li kien hemm gwerra dikjarata bejn l-attur u l-familja ta' martu.

Illi minħabba f'hekk il-partijiet spiċċaw jgħixu f'*sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius" –** deċiża mill-Prim Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

Illi l-Qorti taqbel mal-konklużjoni li l-partijiet ma ġabux provi suffiċjenti li kien hemm adulterju fil-konfront ta' xulxin iżda ċertament hemm tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ.

Illi għaldaqstant l-Qorti se taddossa lill-partijiet sehem indaqs f'dan it-tifrik taż-żwieġ.

Illi stabbilit dan ma hemmx lok li l-Qorti tinvestiga r-raġunijiet oħra li jwasslu għal separazzjoni.

**KURA U KUSTODJA TAL-MINURI**

Illi f'dan ir-rigward wara numru ta' rikorsi jidher li s-sitwazzjoni stabbiliet ruħha u l-partijet imxew mad-digrieti inizjali tal-Qorti; kwindi l-kura u kustodja għandha tibqa' konġunta, u l-aċċess għandu jibqa' kif inhu *in vigore* llum.

**MANTENIMENT**

Illi dwar il-manteniment il-Qorti kellha okkażjoni tippronunzja numru ta' digrieti. Inizjalment permezz ta' digriet tal-14 ta' Diċembru 2007 kien ġie ordnat manteniment ta' Lm50 għall-konvenuta u Lm120 għall-minuri. Wara diversi rikorsi u digrieti il-Qorti rriduċiet l-alimenti pagabbli lill-konvenuta għal ħamsa u għoxrin Ewro (€25) peress li matul il-kawża bdiet taħdem, u mija tnejn u tmenin Ewro (€182) għall-minuri – dawn jitħallsu kull erbgħa ġimgħat. Peress li dan l-aħħar digriet huwa pjuttost riċenti ma hemmx lok għal tibdil fil-fehma tal-Qorti fir-rigward tal-minuri; billi pero' l-konvenuta taħdem u taqla' aktar minn ħames mitt Ewro (€500) fix-xahar ma hemmx lok għall-manteniment għaliha kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal- Appell, fl-ismijiet **"Catherine Mifsud vs Louis Mifsud"** deċiża fil-25 ta' Ottubru 2013: *"Il-*

*manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara iżda jiġi ordnat il-ħlas tiegħu meta* ***hemm il-bżonn*** *(L-Artikolu 20.1 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li l-mantement ikun dovut skond* ***il-bżonn*** *ta' min qed jitolbu)."*

Illi f'dan ir-rigward ukoll kien hemm nuqqas ta' ftehim matul il-kawża u l-konvenuta ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru għall-allegati arretrati; dan jidher li kien maħruġ korrettement riġidament fis-sens legali iżda mhux tant mill-punto di vista morali jew etiku għaliex jidher li l-partijiet kienu ftehmu (taċitament) fuq l-ammont ridott. Il-Qorti se tordna li dan l-ammont jiġi maqsum bejn il-partijiet għaliex naturalment l-ammont ġie depożitat il-Qorti u dan għar-raġuni msemmija.

**PROPRJETA'**

**Beni immobbli**:

Illi l-partijiet huma proprjetarji ta' żewġ fondi u ċjoe' wieħed maisonette, __________________ *(omissis)* u appartament ___________________ *(omissis)*, u li dwarhom qablu li jiswew rispettivament mija tnejn u tmenin elf erba' mija u disgħa u tletin Ewro (€182,439) u mija tnejn u għoxrin elf ħames mija tmienja u tmenin Ewro (€122,588) (fol 321). Fuq dan tal-aħħar hemm dejn mal-bank ta' ċirka sitta u għoxrin elf ewro (€26,000). Għalhekk hemm żewġ problemi fil-qasma; il-proprjetajiet m'għandhomx l-istess valur, u l-fatt li hemm dejn kif imsemmi.

Illi għandu jingħad li fil-bidu taż-żwieġ il-konvenuta kienet ġiet donata art ________ *(omissis)* mingħand ommha u li fuqha kienet inbniet l-ewwel dar matrimonjali tagħhom. Il-bini sa l-istadju ta' *shell* jidher li sar prinċipalment minn missier il-konvenuta iżda l-kumplament mill-attur; iżda l-ispejjeż inqasmu bejn il-partijiet – l-

attur jgħid pero' li huwa ħareġ aktar flus u għamel xi xogħol huwa ukoll, u eventwalment din inbiegħet fl-2005 għal sebgħa u tmenin elf lira Maltin (Lm 87,000).

Illi f'dan l-isfond diffiċli wieħed jasal għall-konklużjonijiet preċiżi dwar krediti parafernali; il-Qorti taqbel illi x'aktarx jekk wieħed jiżen xi kreditu l-konvenuta għandha iżda ċertament mhux tal-portata li semmiet il-perit legali illi rrakkomandat li l-konvenuta titħallas somma konsiderevoli u li l-attur jiġi assenat il-fond ta' ___________ *(omissis)* bid-dejn b'kollox. Il-Qorti anzi, jidhrilha li jekk l-attur jiġi assenjat dak il-fond, il-kreditu tal-konvenuta – li fuq kollox se tiġi assenjata l-fond l-ieħor li jiswa ħafna aktar – għandu jiġi paċut mal-parti tad-dejn li se jiġi assenjat lill-attur (billi d-dejn huwa tal-komunjoni u allura nofs ta' kull wieħed mill-partijiet). Dan qed isir anke biex ma jkunx hemm problemi fil-futur fir-rigward tal-ħlas lura tad-dejn lill-bank, għaliex ikun naturali li l-parti li ma jibqalix interess fil-ħlas lura mhux se tkun wisq akkanita biex tagħmel dan.

Illi l-krediti avvanżati mill-partijiet huma spjegati fil-paġna 939 *et sequitur* tal-process; l-attur għas-somma ta' tlieta u ħamsin elf u ħames mitt Ewro (€53,500) konsistenti f'ħamest elef liri Maltin (Lm5,000) – somma li tawh il-ġenituri meta żżewweġ, u tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) spejjeż li għamel fuq il-proprjeta ta' ____________ *(omissis)*, li kif ingħad kienet parafernali ta' martu. Il-konvenuta rrikonixxiet li l-attur ħareġ il-flus u għamel ix-xogħol tal-katusi u għadda d-dawl u l-ilma a spejjeż tiegħu għall-ammont imsemmi. Kwindi l-Qorti se tħalli l-kreditu tal-attur fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf u ħames mitt Ewro (€53,500) kif imsemmi.

Illi l-konvenuta da parti tagħha *oltre* l-art ġja' msemmija, hija ntitolata għal nofs il-kirjiet mill-fond ta' ____________ *(omissis)* li

ġew detenuti mill-attur (ammontanti għal ċirka tlett elef tliet mija u sittin Ewro (€3,360); naturalment għal kull buon fini wkoll qed jiġi dikjarat illi hija proprjetarja esklussiva ta' biċċa art li wirtet mingħand nannitha f'____________ *(omissis)* (fol 123). Billi d-dar li nbniet f'___________ *(omissis)* kienet ġabet ċirka mitejn u elfejn Ewro (€202,000) fil-bwiet tal-partijiet u li allura huma wżaw biex xtraw il-proprjetajiet tagħhom, il-konvenuta hija ntitolata għal ammont sostanzjali minnhom, pero' l-Qorti se titnaqqas minnhom is-somma ta' tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) spejjeż li għamel l-attur kif imsemmi.

Illi għalhekk, il-Perit Legali waslet għall-konklużjoni li l-attur għandu jħallas lill-konvenuta s-somma ta' tmienja u għoxrin elf u ħmistax-il Ewro (€28,015); pero' żiedet disa' mija u ħamsin Ewro (€950) għall-karozza u li din il-Qorti mhux se żżid għaliex il-konvenuta qed tiġi assenjata wkoll vettura oħra. Għalkemm il-Perit Legali korrettement inkludiet nofs il-*loan* mal-Bank fil-komputazzjoni tagħha tal-parti assenjata lill-konvenuta, ma jidhirx pero' li nkludiet fil-konteġġi tagħha s-somma ta' ħdax-il elf sitt mija sebgħa u erbgħin Ewro (€11,647) li l-attur ħa miegħu fiż-żwieġ; allura l-ammont għandu jkun ta' sittax-il elf tliet mija tmienja u sittin Ewro (€16,368).

**Beni mobbli:**

Illi l-Qorti taqbel li l-partijiet għandhom iżommu l-vetturi li jużaw, u ċjoe' l-attur iżomm l-iSkoda Fabia filwaqt li l-konvenuta żżomm it-Toyota. Għalkemm m'għandhomx eżatt l-istess valur, *piu o meno* m'hemmx diverġenzi kbar.

Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji u poloz ta' assikurazzjoni li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

Illi l-Qorti fuq l-iskorta ta’ dak li ntqal jidhrilha li hemm l-estremi biex tapplika l-effetti tal-artikolu 48.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talbiet tal-attur:**

1. **Tippronunzja is-separazzjoni bejn il-kontendenti għar-raġunijet ġja’ msemmija;**

2. **Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri msemmija tibqa’ konġunta bejn il-partijiet u dan b’aċċess kif indikat aktar qabel, u ċjoe’ skont id-digrieti mogħtija minn din il-Qorti fil-mori tal-kawża;**

3. **Tiċħad t-tielet talba;**

4. **Tilqa’ r-raba talba *eccetto* għas-subinċizi 48 (1) (b) u (d);**

5. **Fir-rigward tal-ħames talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna li l-fond _________________________ *(omissis)* jiġi assenjat lill-konvenuta u l-fond appartament ____________________ *(omissis)* jiġi assenjat lill-attur li għandu jibqa’ jħallas id-dejn relattiv lill-bank; il- kontijiet bankarji, il-polza t’assikurazzjoni u kull investiment ieħor ma’ banek jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra f’isem il-partijiet individwalment jew konġuntivament għandhom jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom, u anke flus depożitati l-Qorti waqt il-vertenza; l-attur għandu jħallas lill-konvenuta s-somma fuq imsemmija ta’ sittax-il elf tliet mija tmienja u sittin Ewro (€16,368) fi żmien sitt xhur mil-lum; il-vettura Skoda Fabia qed tiġi assenjata lill-attur u filwaqt li t-Toyota qed tiġi assenjata lill-konvenuta.**

**6. Tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Abigail Critien bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi;**

**Illi kwantu għall-kontro-talba tal-konvenuta l-Qorti tilqa' t-talbiet tagħha kwantu kompatibbli mal-akkoljiment tat-talbiet tal-attur, u għalhekk tiddikjara s-separazzjoni bejn il-partijiet u tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta manteniment <u>għall-minuri</u> fis-somma ta' mija u tnejn u tmenin Ewro (€182) kull erba' ġimgħat; tapplika anke fil-konfront tal-attur id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-kapitolu 16 ukoll *eccetto* għas-subinċiżi fuq imsemmija 48 (1) (b) u (d).**

**L-ispejjeż tal-kawża, tal-kontro-talba u tal-kuntratt relattiv għandhom jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------